



C/2023/1550

15.12.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.11374 – BUCKLAND / HY24 INVESTOR / ICE)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1550)

1. Fil-5 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Buckland Investment Pte. Ltd, ("Buckland", Singapore),
- Clean H2 Infra Fund S.L.P., ("Hy24 Investor", Franza),
- Intercontinental Energy Holdings Group Limited ("ICE", il-Gżejjer Verġni Brittaniċi).

Buckland u Hy24 Investor se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' ICE.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Buckland, bil-kwartieri ġenerali f'Singapore, hija ġestita minn GIC Special Investments Pte Ltd ("GICSI"). GICSI tamministra portafoll globali diversifikat ta' investimenti fl-ekwiżità privata, kapital ta' riskju u fondi infrastrutturali, kif ukoll finvestimenti diretti f'kumpaniji privati.
- Hy24 Investor hija fond ta' investiment alternattiv Franċiż inkorporat fil-forma ta' soċjetà limitata speċjali. Dan jiffoka fuq l-iskalar ta' teknoloġiji tal-idroġenu ppruvati għal assi maturi tal-infrastruttura.
- ICE, bil-kwartieri ġenerali fil-Gżejjer Verġni Brittaniċi, hija kumpanija tal-iżvilupp tat-teknoloġija u tal-proġetti ffukata fuq proġetti interkontinentali tal-enerġija rinnovabbli, it-trażmissjoni, il-cables, il-bastimenti, u l-produzzjoni downstream tal-idroġenu u tas-sustanzi kimiċi bbażati fuq l-idroġenu b'portafoll ta' proġetti madwar l-Awstralja u l-Lvant Nofsani.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11374 – BUCKLAND / HY24 INVESTOR / ICE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
